MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 122/1995/2

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI**

**MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 3 ta' Ottubru, 2003 .**

**Citazzjoni numru : 122/1995 G1(PC)**

Joseph u Carmela konjugi Xuereb .

vs

Angelo sive George Grech u b'nota tat-18 ta' Frar, 2003 Maria mart Mario Muscat assumiet l-atti tal-kawza minflok missierha imsiefer, Angelo sive George Grech .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi l-atturi huma l-possessuri u l-attwali inkwilini minghand il-Gvern ta' Malta ta' porzjoni raba tal-kejl ta' cirka elf mija u sitta u ghoxrin (1126 $m^2$) u konfinanti mit-tramuntana ma' beni ta' George Grech, punent ma' beni ta' Salvu Camilleri u lvant ma' beni ta' Carmelo Attard ;

Illi l-istess raba kien minn zmien twil ilu jircievi l-ilma ghalih minn sistema ta' kanali li wara li tnehhew, l-atturi bdew jircievu l-ilma taghhom permezz ta' sistema ta' pipe ghaddejja min that l-art ghal go hofra, li hija fir-raba fil-pussess tal-istess konvenuti, liema hofna tircievi ilma minn ghajn tal-ilma ;

Illi ricentament u precizament bejn it-tnejn (2) u d-disgha (9) ta' Lulju 1995, il-konvenuti jew min minnhom ikkommettew spoll vjolenti u klandestin di fronti ta' l-istess atturi u dana billi qatghu l-istess pipe tal-ilma u imblokkawha permezz ta' haxix hazin bir-rizultat illi l-istess atturi llum huma privi mill-uzu tal-ilma li ilhom jiehdu ghal bosta snin ;

Illi dana kollu jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin di fronti tal-istess atturi u l-atturi jridu li jigu reingerrati fil-pussess tal-uzu tal-istess pipe .

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-istess konvenuti jew min minnhom ikkommetta spoll vjolenti u klandestin di fronti tal-istess atturi u dana billi qatghu l-pipe tal-ilma u imblokkaw in-nixxija ta' l-ilma ghar-raba minn possedut ;
2. Tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom sabiex jispurgaw l-ispoll vjolenti u klandestin minnhom kommess billi jergghu jpoggu kollox fl-istat prestinu tieghu u dana fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss .
3. U in mankanza sabiex l-istess atturi jkunu awtorizzat li jaghmlu l-istess xoghlijiet huma stess ghas-

spejjez tal-istess konvenuti, jew ta' min minnhom u taht id-direzzjoni ta' perit li ghandu jigi nominat ghall-istess fini .

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Lulju, 1995 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrka .

B'riserva ghal ta' l-azzjoni ghad-danni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament ikkonfermata mill-attur.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi :

1. Illi inkwantu ghall-konvenut Mario Muscat, hu la hu l-possessur tal-art in kwistjoni u lanqas hu l-awtur, la materjali u lanqas morali ta' l-allegat spoll u ghal hekk, ghandu jigi liberat "*ab observanzia" .*

2. Illi l-atturi jridu jipprovaw li huma fil-pussess tas-servitu attingendi kif qed jallegaw li tirrizulta favur taghhom b'titolu validu fil-ligi u mhux b'mera tolleranza ghaliex in materja ta' servitu l-attu fil-kawza possessorja, jrid jipprova oltre l-pussess materjali, anke l-pussess legittimu, stante li si tratt minn servitu mhux kontinwu u mhux apparenti .

Salve eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti kkonfermata bil-gurament ta' Angelo sive George Grech .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u d-dokumenti ohra esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawza ta' spoll . Dwar kawza ta' dan it-tip gie mfisser illi :

*"In tema legali jinghad li l-'actio spolii' hija radikata pjuttost fuq l-ezigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju*

*assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzoni lil kwalunkwe pussess, u jigi mpedut li cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak illi jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat ;*

*L-art, 572 (illum 535) tal-Kodici Civili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni pubbliku, u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalieh, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati (ara Kasazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt, Volum XIII, P. 1, pag. 555 tal-Annali tal-Gurisprudenza) . Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-ligi citata, ma ghandux jigi minsi l-art.794 (illum 791) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, li jahseb u jghid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-gurisprudenza lokali u estera (ara Vol. XXXI. I. 296 Appell 8 ta' Marzu 1943, in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar"; Vol. XXI. II. 83 P'Awla Civili, 20 ta' April 1916, in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899, in re Decarcano vs.Cafici, Foro Catanese Vol. 1889, pagna 124; u dan biex inghataw xi sentenzi); …..".*[1]

Illi, ghalhekk, kif gie ripetutament imfisser mill-Qrati taghna, jenhtiegu tliet elementi sabiex tirnexxi kawza bhal din :

(i) li l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-haga spoljata (*possedisse*) ;
(ii) li gie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u
(iii) li ghamel il-kawza fi zmien xahrejn mill-allegat spoll *(infra bimestre deduxisse*) .

---

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit : Prim'Awla: 12.4.1958 vol. XLII. .II. 975

"*Jekk imqar xi wiehed minn dawn ir-rekwiziti essenzjali ma jigix ppruvat, l-azzjoni taqa' minghajr ma jkun hemm bzonn li jigi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiziti l-ohra*." [2]

Dwar din l-azzjoni il-**Mattirolo** jispjega illi :

"*La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e' una misura di ordine pubblico, e' un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica . L'articolo 695 del Cocice Civile applica, in tutto il suo rigore, la regola* ***"spoliatus ante omnia restituendus****" . Il perche' l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima, purche' pero' abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto."* [3]

Ghalhekk sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attrici, jrid jigi stabilit jekk jezistux dawn it-tliet elementi fil-kaz in ezami . Mill-provi mressqa rrizulta illi l-atturi qed jilmentaw ghax allegatament il-konvenuti nehhew xi pajpijiet ta' l-ilma li kienu gew imqeghdha mill-attur sabiex jikkonduci l-ilma ghat-tisqija tar-raba tieghu minn ghar li kien hemm fl-ghalqa f'idejn il-konventuti ghal gewwa r-raba fil-pussess tieghu . Dan il-fatt ma giex kontestat mill-konvenuti, anzi l-konvenut Angelo sive George Grech stess ammetta illi kien hu li ghamel dan, wara li sar jaf bil-pajpijiet li ghadda mill-ghalqa tieghu il-konvenut, meta rritorna lura mis-safar . Lanqas ma gie nnegat illi dan gara f'anqas mix-xahrejn rikjesti mil-ligi ghal promozzjoni ta' kawza bhal din . Infatti rrizulta wkoll mir-rapport relattiv tal-Pulizija illi dan gara fil-bidu ta' Lulju 1995[4] . Il-kawza prezenti giet intavolata fit-3 ta' Awissu 1995 u allura entro t-terminu ta' xahrejn rikjest mil-ligi .

Il-konvenuti pero' jikkontestaw il-pretensjoni ta' l-atturi illi huma qatt kellhom xi pussess kif trid il-ligi fi hwejjeg simili

---

[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia ; Appell Civ. 7.3.1958 – vol. XLII. I. 86
[3] Trattato di Dirito Giudiziario Civile Italiano Vol. I. 5ta. ed. 1902 Torino, para. 271
[4] ara Dok. JX a fol. 215 tal-process .

sabiex ikun jista' jinghad illi huma gew disturbati f'dan il-pussess u ghalhekk intitolati ghar-reintegazzjoni . Infatti fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti jissottomettu illi l-atturi f'dan il-kaz iridu jipprovaw li huma fil-pussess tas-servitu' attingendi kif qed jallegaw li tirrizulta favur taghhom b'titolu validu fil-ligi u mhux b'mera tolleranza, ghaliex in materja ta' servitu' l-attur fil-kawza possessorja, jrid jipprova oltre l-pussess materjali, anke l-pussess legittimu, stante li si tratta minn servitu' mhux kontinwu u apparenti[5] .

Dwar l-ewwel element, indikat hawn fuq, li huwa mehtieg sabiex tirnexxi kawza ta' spoll inghad :

"*Illi l-ewwel rekwizit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-rintegrazzjoni tista' tigi milqugha bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-haga li fuqha jkun pretiz li sar l-ispoll. L-espressjoni wzata mill-ligi –"**possession of whatever kind**" – dak li jinteressana f'dal-kaz – tikkomprendi tant il-pussess civili kemm dak semplicement naturali, u anki dak vizzjuz; imma pero' tezigi dejjem f'dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess; l-ghaliex, jekk l-attur f'kawza bhal din li fuqha qeghdin nitkellmu ma jkunx ippossjeda l-haga, l-azzjoni hija destinata li ma tinexxix*." [6]

Huwa ferm pertinenti x'jghid l-awtur taljan gia citat f'dan ir-rigward :

"*E' vivamente controverso se l'azione di reintergrazione, oltre al possessore, competa al detentor, cioe' a colui che ritiene la cosa a nome altrui . A nostro avviso, la risoluzione della questione dipende esclusivamente dal vedere se il detentore sia,o no, un possessore : perche', se lo e', l'azione di reintegrazione, che e' accordata pel possesso 'qualunque esso sia' (art. 695), non potra' al certo essergli negata .*

*Giusta la definizione, che l'articolo 685 ne da' del possesso, questo puo' cadere tanto sulle cose corporali,*

5 a fol. 15 .
6 Fenech vs Zammit gia citata .

*quanto sulle incorporali …; nel primo caso, esso si presenta sotto la forma della detenzione di una cosa; nel secondo, sotto l'aspetto del godimento di un diritto che si esercita . Ma in entrambi i casi, a costituire il possesso sono necessari due elementi : il corpo e l'animo; cioe' il fatto esteriore della detenzione della cosa o dell'esercizio del diritto; l'animo, ossia la volonta' del possessore di possedere per se' .*

*Questa volonta', quest'animo, secondo la nozione odierna del possesso, occorre in diversi modi, secondo che si tratti – del possesso legittimo, tutelato dall'azione di manutenzione – o del possesso semplice, garantito soltanto con l'azione di reintegrazione - : pel primo e' necessario l'animus domini, val quanto dire la volonta' di ritenere la cosa come propria, di esercitare il diritto come proprio: pel secondo, basta l'animo nel possessore di tenere la cosa o l'esercizio del diritto per se', independentemente da ogni pretesa sulla proprieta' della cosa, sulla spettanza del diritto che di fatto si esercita."* [7]

Din tidher li hija wkoll il-pozizzjoni fil-ligi taghna . Infatti sew l-artikolu 535 tal-Kap. 16, kemm l-art. 791 tal-Kap. 12 isemmu li tenhtieg il-prova tal-"fatt tal-pussess jew detenzjoni" u mhux "il-pussess" biss . La din mhix kawza ta' manutenzjoni tal-pussess ma hi allura mehtiega l-ebda prova ta' pussess legittimu kif qed jippretendu l-konvenuti, anke jekk dan ikun gej minn xi servitu' . Oltre dan fil-kaz in ezami proprjament lanqas biss nistghu nitkellmu dwar servitujiet . Hawnhekk ghandha zewg ghelieqi fil-pussess rispettiv tal-kontendenti b'titolu ta' qbiela minghand l-istess sid (il-*Joint Office*, qabel il-Katidral ta' Ghawdex),[8] u huwa maghruf illi l-ligi ma tippermettix il-holqien ta' servitujiet meta t-titolu fuq il-proprjeta' huwa biss wiehed prekarju .

Irrizulta sodisfacentement fil-kaz in ezami, illi l-attur kien ilu isaqqi r-raba tieghu permezz ta' pajpijiet tal-hadid ghaddejjin minn go mina taht l-ghalqa f'idejn il-konvenut ta' l-inqas ghal sena qabel ma dawn tnehhew mill-konvenut . Dan kien hallieh jaghmilhom il-konvenut l-

---

[7] op. cit. Footnote pag. 255 – 256 .
[8] aravircevuti dokti. XJ u XJ 1 a fol. 171, 172 .

iehor Mario Muscat, ir-ragel ta’ bintu, meta Grech kien imsiefer, wara li urieh ix-xewqa li jaghmel hekk l-attur biex jiffranka li joqghod jarma bil-pajpijiet tal-plastic kull darba li ried isaqqi fl-ghalqa tieghu . Jekk dan kienx biss bi pjacir u b’mera tolleanza m’ghandu jaghmel ebda differenza ghall-fini tat-talbiet kif maghmula fil-kawza prezenti, gialadarba kif gia gie mfisser, is-semplici detenzjoni hija bizzejjed . Il-ligi b’kawza bhal din trid turi li mhux permess lil hadd li jiehu l-ligi f’idejh, minkejja kull dritt li jista’ jidhirlu li ghandu .

Ghal dawn il-motivi, peress illi gie ppruvat sodisfacentement li jezistu l-elementi mehtiega mill-ligi sabiex tirnexxi kawza bhal din, tiddecidi l-kawza billi :

1. tilqa’ l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut Mario Muscat, peress illi huwa ma kellu xejn x’jaqsam ma’ l-ispoll mertu tal-kawza u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju ;

2. tichad l-eccezzjoni fil-mertu tal-konvenuti ;

3. tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara illi l-konvenut Angelo sive George Grech ikkommetta spoll vjolenti u klandestin di fronti tal-atturi u dana billi qata’ l-pipe tal-ilma u imblokka in-nixxiegha tal-ilma ghar-raba minnhom possedut ;

4. tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jisporga l-ispoll minnu kommess, billi jerga’ jpoggi kollox fl-istat pristinu tieghu u dana fi zmien xahar mill-lum; u

5. fin-nuqqas li jaghmel dan fiz-zmien hawn koncess, tawtorizza lill-atturi jaghmlu x-xoghlijiet mehtiega taht id-direzzjoni ta’ l-A.I.C. Joseph Mizzi li qed jigi nominat ghal dan il-fini, u dana a spejjez ta’ l-istess konvenut .

L-ispejjez tal-kawza, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficcjali tal-14 ta’ Lulju 1995, ikunu a karigu tal-konvenut Angelo sive George Grech .

S12295Pc

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------